# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru sebgħa w erbgħin (47) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru 2015, fis-6:35pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet is-seduta u qalet it-talba tal-bidu.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu diskussi punt, punt, amendati mis-Sindku, d-deputat Sindku u l-kunsillieri bl-emendi kollha li xtaqu, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Kien mogħti lill-kunsillieri mis-SE ir-riżultat tas-*survey* li sar permezz tat-telefon dwar ix-xewqa li l-KLM jinstalla *sleeping policeman u rumble sticks* f'Misraħ il-Fidwa. Kien deċiż illi napplikaw għal *sleeping policeman* quddiem ir-residenti li joqgħodu bejn ir-residenzi bin-numru 31 u 35 filwaqt li fuq in-naħa l-oħra tal-misraħ, issir talba oħra lil *Transport Malta* sabiex din titpoġġa quddiem ir-residenzi *Amour / Antlin,* peress li dawn ir-residenti ma kellhom l-ebda' oġġezzjoni. Paul Spiteri qal li din taffettwa lilu u fiċ-ċirkustanzi fejn qed tintalab li tiġi maqlugħa oħra viċin u wkoll fejn inqalgħu bosta oħrajn miċ-ċentru tar-raħal u fid-dawl li tal-linja mhux se jibqgħu jgħaddu minn Misraħ il-Fidwa, hu ma jaqbilx li dawn għandhom jitpoġġew hemmhekk. Charlene Zammit talbet madankollu lis-SE japplika għal dawn is-*sleeping policemen,* skont ix-xewqa tal-maġġoranza.

4. Id-*doggy bins* twaħħlu u l-kunsillieri lmentaw li dawn mhux qed jiġu utilizzati sew għaliex fihom qed jintefa kull xorta ta' skart u mhux ħmieġ tal-klieb biss. Issemma partikolarment dak li tpoġġa quddiem l-iskola u Grace Marie Mallia talbet l-aċċess għal filmati tas-*cctv cameras* tal-iskola. Hawn intqal illi tajjeb li nagħmlu appuntament mas-Surmast il-ġdid u se nistednuh jiġi fl-uffiċċju nhar it-13 ta' Ottubru, 2015 fid-0845. Charlene Zammit insistiet dwar it-tpoġġija ta' *doggy bin* ieħor fi Triq San Mikiel kantuniera ma Triq id-9 ta' April, 1942, filwaqt li is-SE qal li hu se jwaħħlu minkejja li dal-għodu marru jaraw il-post il-ħaddiema tal-IPSL u qalulu li dan se jimblokka l-bankina għax jaqla 'l barra 1' 2''.

5. Il-fanal dekorattiv ta' tliet brazzi quddiem il-*gate* il-kbira tal-iskola twaħħal u nxtraw il-globi u issa se ninsistu mal-kuntrattur biex dan iwaħħalhom u jikkonnettjah biex forsi jiżdied aktar dawl f'din iz-zona u tittaffa' l-problema ta' dlam li waqa', wara li nqalgħet

is-*central hanging lantern* minn quddiem il-KLM u tpoġġiet il-lanterna mal-faċċata tal-Bini tal-Kunsill.

6. Il-ħajt tal-Matla tnaddaf mid-dwieli ħżiena li kienu ħonquh, flimkien maċ-ċint viċin il-ġibjun mil-ħaddiema tal-IPSL fil-jiem li għaddew.

7. Paul Spiteri tkellem dwar il-proġett pilota mid-Dipartiment tas-Saħħa bil-kollaborazzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn qed jinfetħu it-tappieri kollha tad-drenaġġ fir-raħal kull nhar ta' Tlieta għal erba' ġimgħat u jintefa' l-valenu tal-ġrieden fil-*manholes.*

8. Is-Sindku tkellmet dwar plot li qed toħloq il-problema minn ġrieden u skart li qed jintefa' fiha fl-inħawi ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti kantuniera ma Triq Hal Kirkop. Se nippruvaw nindagaw min hu s-sid tagħha li mill-indikazzjoni li tawna hu xi kuntrattur bil-kunjom Schembri.

9. Dwar id-diffikulta' biex ningħataw il-kurrent elettriku biex il-ħaddiema tal-IPSL jinstallaw il-*fence* mal-plot privata li tħammlet mill-KLM, Michel Farrugia qal li din għandha tissolva billi minbarra li nikru *jigger,* jinkera wkoll ġeneratur biex jitħaffru t-toqob għall-kanni li se jsostnu l-*fence.*

10. Charlene Zammit semmiet il-każ tal-livelli ta' Triq iż-Żurrieq. Hija qalet li wara l-laqgħa li kellna mal-Ombudsman, il-Perit Bezzina kellu jibgħat il-pjanti u dawn minkejja li għandhom data tal-bidu ta' Settembru, waslu l-ġimgħa l-oħra. Sadanittant l-Ombudsman qed jgħid li injorajna l-każ. Is-SE qal li n-norma hija li meta jinfetħu l-ittri *(by snail mail)* dawn jiġu ttimbrati bit-timbru tal-ġurnata. Intant, hu personali propju llum stess mar jagħmel kopji tagħhom għand l-*Engineering Centre* l-Universita' (għax huma kbar wisq u ma teħodhomx il-makna tagħna) u se jintbagħtu lill-Ombudsman.

11. Nomini għal Ġieħ l-Imqabba ma daħlux fl-uffiċċju tagħna sad-data murija fuq il-fuljett ħarġa ta' Awwissu. Dwar il-fuljett reġa' kien hemm dibattitu fuq l-artikli tal-kunsillieri minħabba li kien hemm minnhom interpretati bħala politiċizzati. Grace Marie Mallia talbet lis-SE jieħu nota dwar l-assenteiżmu ta' Michel Farrugia fejn qal li l-ewwel priorita' hu x-xogħol. Intant kien hemm ftehim illi l-artikli tal-kunsillieri jidħlu u jkunu ċirkulati qabel il-laqgħa li jkun imiss tal-KLM, ħalli dawn jiġu approvati f'dik il-laqgħa.

12. Dwar il-posti tal-kabbani, Charlene Zammit qalet illi tat-Turkish kabbar il-kabbana u ma qagħadx, u is-sena d-dieħla għandna nitolbu id-daqs tal-kabbana lil sidha. Is-SE qal li kull sena jiġu mitluba dawn il-qisien, tant illi anke l-Pulizija / gwardjani lokali fl-e-mail li tintbagħat qabel il-festa ikunu jafu b'dawn id-dettalji ħalli jinfurzawhom. Madankollu m'għandniex *feedback* dwar dan l-infurzar u s-sekwenza ta' fejn qed jintramaw sakemm ma jkunux *roving* bħal tas-*slush puppy* (Mr Fagerbakke).

13. L-ittra proposta dwar il-konġestjoni tat-traffiku fl-inħawi ta' Ħal Kirkop, kienet draftjatha mis-SE bil-għan li din tiġi ffirmata mis-Sindki ta' wara l-mina. Madankollu is-Sindku qalet illi jidher li m'għadx hemm lok għaliha fiċ-ċirkustanzi illi kien hemm żviluppi

ġodda dwar dan il-każ u jidher li inbeda' x-xogħol biex issir karreġġjata oħra fl-inħawi tar-roundabout tal-MIA.

14. Il-Wi-Fi ta' ġnien Tfal ir-Raħal ried *re-set* u jidher li reġa' beda jaħdem.

15. Il-*yellow lines* mituluba fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ezattament mas-*central strip* tas-*service road* kienu approvati u miżbugħa mill-ħaddiema tal-KLM.

16. Għad hemm pendenti mal-Korporazzjoni Enemalta, l-applikazzjonijiet ta' dwal ġodda fi Triq il-Friefet u l-inħawi tax-Xatba l-Ħamra.

17. Illum twaħħal bank fuq il-bankina faċċata taz-*zebra crossing* tal-Pjazza tal-Knisja (fejn iż-żebbuġa) u dwar il-bank propost fl-inħawi ta' Misraħ il-Fidwa, s-Sindku qalet illi dan mhux daqshekk ta' ħtieġa fid-dawl illi tal-linja mhux suppost li qed jgħaddu minn hemm.

18. Is-SE kien mitlub jikkomunika mar-residenti ta' Triq Karmenu Ciantar sabiex dawn jagħmlu talba formali biex tinqala' *sleeping policeman* li hija kważi mikula kollha bil-vetturi fi Triq Karmenu Ciantar. Michel Farrugia ma qabilx mal-proposta għaliex qal li din hija triq prinċipali li minnha tgħaddi wkoll tal-linja u wera t-tħassib tiegħu għall-veloċita' eċċessiva tal-vetturi li jkunu għaddejjin minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. F'dan il-punt is-sindku qalet illi kienu proposti it-tieni sett ta' *traffic lights*. Dwar iz-*zebra crossing* proposta fi Triq tas-Sejba fejn Grace Marie Mallia qalet li din kienet diġa' approvata, Charlene Zammit qalet illi l-konsulent ta' TM is-Sur Charles Muscat qal illi din tista' toħloq aktar problemi milli ssolvihom.

19. Charlene Zammit ilmentat għaliex ma sarx il-kors tal-presepji kif tħabbar mill-KLM fl-aħħar ħarġa tal-fuljett. Hija qalet li meta tkellmet mas-Sur Emanuel Zammit, dan qalilha li ma ħassx li kellu jagħmlu għal tliet persuni biss.

20. Il-KLM irringrazzja lil Michel Farrugia talli għalaq it-toqob tat-*tower crane* li kienu mħaffrin mal-art fi Triq il-Ħarriġiet.

**AGENDA**

21. Il-KLM iddiskuta l-offerta pubblika tas-servizz tal-*Accountant.* Peress li hemm żewġ *bidders* li ma poġġewx *bid-bond*, Charlene Zammit qablet ma Grace Marie Mallia li dawn setgħu ma jagħmluhiex għaliex is-somma totali tal-*bid* tagħhom hija tali li ma jkunx hemm għalfejn titpoġġa *bid-bond.* Għaldaqstant kien deċiż illi l-offerta tkun mogħtija lill-orħos bidder – *D-Consulta.*

22. Se noħorġu l-offerta pubblika għaż-żamma tal-latrini skont *specimen* li għandna diġa' ta' Kunsill Lokali ieħor, li jinkorpora fih il-provedimenti tal-*green public procurement* peress li l-kuntratt ilu magħluq.

23. Charlene Zammit qalet illi *2 Minds Events* se jieħdu ħsieb l-attivita' ta' Jum l-Imqabba tal-25 t'Ottubru u l-każini se jkunu jistgħu jarmaw bix-xorb jew ħelu, imbasta mhux bl-ikel. Dan se jkun fdat għal darb'oħra f'idejn *2 Minds Events.* Intant kienet proposta ittra

fejn fiha nistiednu għal-laqgħa lill-kumitat tan-*Nursery (Mqabba Football Club)* u se jibda' x-xogħol fuq il-programm ta' Jum l-Imqabba li se jkun imqassam fid-djar għat-tieni ġimgħa ta' Ottubru.

24. Dwar is-serata tal-24 t'Ottubru, is-Soċjeta' Santa Marija permezz tad-delegat tal-banda, Chris Spiteri, se jibgħatulna s-siltiet mużikali li se jdoqqu u l-uffiċċju tagħna se jieħu ħsieb l-inviti għal dan il-kunċert.

25. Minħabba l-ilmenti li kellna fuq is-servizz ridott tal-Berġa tal-Gvern, għaliex naqqsu li din topera kull nhar ta' Erbgħa, minn naħa tagħna lmentajna mhux biss fuq dan, iżda wkoll fuq il-faċilitajiet li m'humiex fi stat tajjeb. Charlene Zammit qalet illi id-Dipartiment tal-Kura Primarja lest li jagħtina €4,000.00 biex narredaw l-istess berġa biex jinxtraw per eżempju siġġijiet u għamara eskluż l-affarijiet strutturali li hemm bżonn li jsiru xorta waħda. Hija talbet f'dan il-punt illi niktbu dwar il-bitħa li tinsab separata minn ma' din il-berġa illi viżibilment tagħmel mad-dar tal-KLM. Hawn is-SE qal illi qabel ma tintmiss l-istruttura jaqbel li nikkomunikaw mal-awtoritajiet għaliex il-parir tal-Avukat Ġenerali kien li ma mmissux din minħabba l-kawża li kien hemm mill-werrieta.

26. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 504.

**Punti oħra.**

27. Charlene Zammit qalet illi kienet mitluba sabiex fl-Isptar il-Qadim jinżammu korsijiet għal kulħadd tal-Arti fl-armar tal-Festa li se jkunu organizzati mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju. Peress li fis-sala l-kbira hemm l-imwejjed armati bil-computers u fl-oħra (birthing chamber) se jkun hemm il-korsijiet tal-*Maltese Literacy* u l-Monasteru, kien propost li dawn isiru fl-għorfa u jaħsbu għas-siġġijiet l-organizzaturi stess.

28. Grace Marie Mallia talbet *zebra crossing* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju viċin Triq il-Barumbara u li jsiru *double yellow lines* fi Triq il-Lanġasa għax qed ikun hemm imblokk b'vetturi ipparkjati.

29. Grace Marie Mallia tat rendikont tal-mawra f'Kemmuna ta' dsatax-il resident li mbarkaw fuq il-vapur Fernandez. Hija qalet li dawn baqgħu sorprizi għaliex tawhom *upgrade* fl-ikel u anke kellhom iċ-ċans li jieqfu Ħondoq ir-Rummien, f'Għawdex.

30. Is-Sindku ipproponiet solar *cctv camera* fl-inħawi li se jitnadfu mill-KLM bejn Triq it-Torri u Sqaq Buħar. Grace Marie Mallia qalet li jinħtieġ mhux biss li dawn jitpoġġew iżda li jsir moniteraġġ għax fi Ġnien Onġi Onġella qed ikun hemm ħafna qżież. Paul Spiteri qal illi hekk kif ħafna miż-żgħażagħ jaraw lir-residenti jew il-pulizija, dawn jieqfu qisu qatt ma kien xejn minkejja li jafu li jkunu qed jagħmlu ħażin.

31. Il-KLM spiċċa l-laqgħa fid-9.30pm u se jiltaqa' nhar it-13 ta' Ottubru fl-istess ħin.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 13.10.2015 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku